*- LEGITTIMU KONTRADITTUR -*

*- KUNTRATTI JIGU ESEGWITI IN BUONA FEDE –*

*- KUNTRATTI JIGU NTERPRETATI IN BUONA FEDE -*

*- FRAUS OMNIA CORRUMPIT –*

*- ARTIKOLI 993, 1002 U 1003 TAL-KAP 16 –*

*- PRESKRIZZJONI TA' HAMES (5) SNIN –*

*- ARTIKOLU 2156 (f) TAL-KAP 16 –*

*- ARTIKOLU 2160 (1) TAL-KAP 16 –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Gunju 2002**

**Kawza Numru: 29**
**Citazzjoni Numru: 1145/98/RCP**

**Lawrence Fenech Limited**

**vs**

**Simon Interiors Limited u b'digriet tat-12 ta' Gunju 2000 gie kjamat fil-kawza Simon Attard**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 tal-process fejn gie premess:

Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' tpartit fit-12 ta' Jannar 1994, kopja annessa u mmarkata Dok. "A", fejn is-socjeta' attrici obbligat ruhha taghmel lis-socjeta' konvenuta xoghol ta' rham u granit, u s-socjeta' konvenuta obbligat ruhha tforni u tinstalla lis-socjeta' attrici soffitt;

Illi kif jirrizulta mill-istess kuntratt, il-valur tax-xoghol ta' soffitt li kellha taghmel is-socjeta' konvenuta kien ta' elf u mitejn u hamsin lira Maltin (Lm1,250);

Illi in ezekuzzjoni ta' l-obbligi taghha naxxenti mill-kuntratt sucitat, is-socjeta' attrici ghamlet ix-xoghol ta' rham u granit rikjest mis-socjeta' konvenuta, ghall-ammont pattwit ta' elf u mitejn u hamsin lira Maltin (Lm1,250), hekk kif jirrizulta minn estratt tal-kotba tas-socjeta' attrici, kopja tal-fattura datata 13 ta' Mejju 1998 annessa u mmarkata Dok. “B";

Illi *nonostante* nterpellata diversi drabi sabiex tadempixxi ghall-obbligi taghha naxxenti mill-kuntratt, is-socjeta' konvenut baqghet inadempjenti;

Illi l-istess socjeta` attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta naqset mill-obbligi taghha naxxenti mill-kuntratt ta' tpartit tat-12 ta' Jannar 1994 fejn hi kellha obbligu li tforni u tinstalla lis-socjeta' attrici soffitt ghall-valur hemm indikat;

2. Tiddikjara l-kuntratt ta' tpartit sucitat xjolt, ghar-ragunijiet suesposti;

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u mitejn u hamsin lira Maltin (Lm1,250) in saldu ta' xoghol ta' irham u granit maghmul fuq rikjesta taghha stess;

4. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%), *ai termini* ta' l-artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili, dekorribbli mid-data tad-dovuta adempjenza sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez u bir-rizerva ta' kull dritt fil-ligi u s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et sequitur* tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta tat-18 ta' Novembru 1998 fejn gie eccepit illi:

(1) *In linea* preliminari illi t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' eccipjenti huma insostenibbli *stante* illi ma hix il-legittimu kontradittur u kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

(2) Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta' attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u lista ta' xhieda tal-istess socjeta` konvenuta a fol. 10 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta' Jannar 1999 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Frank G. Camilleri; tal-11 ta' Ottubru 1999; u tad-9 ta' Frar 2000.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici tat-18 ta' Mejju 2000 fejn talbet lil din l-Qorti biex jigi kjamat fil-kawza Simon Attard; u d-digriet ta' din il-Qorti tat-12 ta' Gunju 2000 fejn laqghet tali talba.

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta' Mejju 2000 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta; tas-17 t'Ottubru 2000; tas-6 ta' Dicembru 2000 fejn Dr. Ian Spiteri Bailey talab li jipprezenta rikors ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-kjamat in kawza. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' sebat ijiem ghall-prezentata tal-istess rikors bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu sabiex jirrispondi.

Rat ir-rikors tal-kjamat in kawza Simon Attard tat-12 ta' Dicembru 2000 a fol. 35 u 36 tal-process;

Rat ir-risposta tas-socjeta' attrici tat-18 ta' Dicembru 2000 u d-digriet sussegwenti tal-Qorti fejn ordnat lir-rikorrenti jipprezenta l-affidavits tieghu fuq l-istess rikors fi zmien tletin gurnata bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar 2001 fejn Dr. Spiteri Bailey iddikjara li dwar ir-rikors tieghu m'ghandux provi izjed *stante* li r-rikors tieghu hu mahluf. Xehed Simon Attard. Il-kawza giet differita biex tinghata decizjoni dwar ir-rikors tal-kjamat in kawza ghat-28 ta' Marzu 2001.

Rat id-decizjoni taghha tat-28 ta' Marzu 2001 fuq il-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-kjamat in kawza fejn iddikjarat li l-istess kjamat fil-kawza ggustifika l-kontumacja tieghu, u konsegwentement l-istess kjamant fil-kawza

nghata l-fakolta' li jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu fi zmien ghoxrin gurnata.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Simon Attard tas-16 ta' April 2001 a fol. 56 fejn gie eccepit:

(1) Preliminarjament illi l-azzjoni hija preskritta fil-konfront ta' l-esponent *ai termini* ta' l-**artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili**;

(2) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi fit-12 ta' Jannar 1994 ma kien iffirmat ebda ftehim bejn il-partijiet u ghalhekk il-kawza *de quo* hija bbazata fuq premessi zbaljati.

(3) Illi ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost illi l-ftehim li kien sar bejn il-kontendenti kien sar fit-18 ta' Jannar 1994 u kien ftehim fejn is-socjeta' attrici kellha tikkonsenja rham u granit kif fil-fatt sar, ghall-liema rham u granit l-istess socjeta' attrici kellha tithallas mill-konvenut billi dan jaghmel xoghol ta' soffitti u accessorji fix-showroom tas-socjeta' attrici, li huwa mar biex jaghmel pero' baqa' qatt ma sar minhabba tortijiet zgur mhux attribwibbli lilu, tant li l-materjal ta' l-istess soffitti u accessorji bhal ma huma vireg u tubi baqghu sa llum ghand is-socjeta' attrici.

(4) Illi l-istess socjeta' attrici f'dan iz-zmien kollu, sakemm kienet intavolata din il-procedura, qatt ma talbet ghall-hlas

u qatt ma kkonsenjat lura l-materjal tas-soffitti u l-accessorji l-ohra taghha;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 57 u 58 tal-process.

Rat il-verbal tas-27 ta' Gunju 2001 fejn inghata digriet tal-affidavits tal-attur b'terminu ta' sittin (60) jum.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici tad-9 ta' Awissu 2001 fejn biha esebiet zewg affidavits u sitt dokumenti.

Rat il-verbali tal-14 ta' Novembru 2001; tat-30 ta' Jannar 2002 fejn Dr. Patrick Galea ghas-socjeta' attrici ddikjara li m'ghandux provi aktar. Inghata digriet tal-affidavits tal-konvenuti u tal-kjamat fil-kawza b'terminu ta' erbghin (40) jum. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuti u tal-kjamat fil-kawza; tal-11 ta' April 2002 fejn Dr. Ian Spiteri Bailey ghas-socjeta' konvenuta nforma lill-Qorti li hu kkomunika mal-klijent tieghu imma ma kellu l-ebda risposta. In vista tad-digriet taghha tat-30 ta' Jannar, il-Qorti ddikjarat il-provi tal-konvenuti maghluqa, u l-kawza giet differita ghall-lum 27 ta' Gunju 2002 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi s-socjeta’ attrici qed tallega li l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' tpartit fit-12 ta' Jannar 1994 fejn is-socjeta' attrici obbligat ruhha taghmel lis-socjeta' konvenuta xoghol ta' rham u granit, u s-socjeta' konvenuta obbligat ruhha tforni u tinstalla lis-socjeta' attrici soffitt; liema valur tax-xoghol ta' soffitt li kellha taghmel is-socjeta' konvenuta kien ta' elf u mitejn u hamsin lira Maltin (Lm1,250) li fil-fatt gie esegwit, hekk kif jirrizulta minn estratt tal-kotba tas-socjeta' attrici, kopja tal-fattura datata 13 ta' Mejju 1998, izda min-naha taghha s-socjeta’ konvenuta naqset li taghmel ix-xoghol minnha pattwit, u ghalhekk s-socjeta’ attrici qed titlob ix-xoljiment tal-istess ftehim u l-hlas tax-xoghol minnha esegwit u fornit.

Illi minhabba l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, u l-konsegwenti kjamata fil-kawza ta’ Simon Attard, din l-azzjoni giet ukoll ghalhekk diretta kontra l-istess kjamat fil-kawza fil-kwalita’ personali tieghu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kienet saret skrittura privata datata 18 ta' Jannar 1994 li biha s-socjeta' attrici kellha tforni li konvenut il-materjal deskritt fid-Dokument "B" a fol. 68 tal-process tal-valur ta' Lm1, 250 liema skrittura jidher li giet iffirmata mill-attur proprju, fejn fl-istess skrittura hemm indikat li *"payment – part exchange with soffitt & accessories"*.

Illi permezz ta' skrittura ohra datata 12 ta' Jannar 1994 jinghad fuq *letterhead* tas-socjeta' konvenuta, jinghad li *"This the contract of part exchanging Soffitt Ceiling works to marble works between us"* u jinsab iffirmat mis-socjeta' konvenuta (Dok. "A" a fol. 67).

Illi mill-provi jirrizulta wkoll li l-istess materjal gie kkonsenjat mis-socjeta' attrici lill-konvenut fil-5, u 8 ta' Marzu 1994, skond *delivery notes* iffirmati mill-konvenut esebiti bhala Dok. "C" "D" u "E" a fol. 69, 70, u 71 tal-process rispettivament, fejn jinghad li l-istess konvenut ircieva dan ix-xoghol *'f'kundizzjoni tajba".*

Illi jirrizulta wkoll li l-kjamat fil-kawza hareg stima datata 9 ta' Dicembru 1997 tax-xoghol li kellu jaghmel ta' soffitt *in parte* bi tpartit din id-darba taht id-ditta *"Simon Interiors"*, indirizzata lis-socjeta' attrici, liema xoghol kellu jinbeda *"end of April 1998"* u parti minnu konsistenti *"99mm Soffitt dune micro RH 90"* u *"12 Light fittings crome 60 by 120"*

*"to start end March 1998"* ghall valur hemm indikat ta' Lm4,000 wara li nghata discount ta' Lm1,442.50, u wara li jidher li ttiehdet in konsiderazzjoni l-valur ta' Lm1,250 xoghol fornit mis-socjeta' attrici lill-konvenut, kif fuq gja` indikat.

Illi mill-kumpless ta' dawn id-dokumenti kollha jidher car li l-ftehim ghall-fornitura tax-xoghol mis-socjeta' attrici gie konkluz mal-kjamat fil-kawza proprju, u l-pagament tal-istess kellu jsir permezz ta' tpartit ta' xoghol fornit kemm mis-socjeta' konvenuta u kemm mill-kjamat fil-kawza, tant li jidher li fl-iskrittura privata tat-12 ta' Jannar 1994, li din saret fuq *letter head* tas-socjeta' konvenuta, u ffirmata mill-istess Simon Attard ghan-nom tal-istess socjeta' konvenuta.

Illi tenut kont tal-fatt li l-istess socjeta' konvenuta, ikkonfermat dan ix-xoghol permezz ta' stima datata 9 ta' Dicembru 1997, fejn hemm indikat l-istess Simon Attard bhala *Managing Director* tal-istess, ma hemm l-ebda dubju fl-opinjoni ta' din il-Qorti li l-istess socjeta' konvenuta hija wkoll l-legittimu kontradittur f'din il-kawza, *stante* li hija rapprezentata mill-istess kjamat fil-kawza, li effettivament ibbenefika mix-xoghol fornit lilu mis-socjeta' attrici, u kif ukoll ghaliex ghalkemm l-istess kjamat fil-kawza ha u ffirma ghax-xoghol lilhu fornut, kif jidher mid-dokumenti "B" "C" "D" u "E" fuq indikati, kienet l-istess socjeta' konvenuta li

kellha taghmel dan ix-xoghol ta' soffitt bi tpartit max-xoghol hekk fornit mis-socjeta' attrici.

Illi l-fatt li l-istess socjeta' konvenuta giet registrata fit-18 ta' Marzu 1998, kif jidher mic-certifikat esebit a fol. 11 tal-process ma jbiddel xejn mis-sitwazzjoni fuq elenkata, *stante* li jidher car li l-kjamat fil-kawza abbuza bil-hrug tad-dokument "A" a fol. 67 tal-process, fejn indika fl-istess ftehim ta' tpartit ta' xoghol li huwa kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, tant li l-istess ftehim jinsab iffirmat adirittura fuq *letterhead* tal-imsemmija socjeta' u hawn japplikaw il-principji enuncjati fis-sentenza **"Malta Development Limited vs Zet Limited"** (P.A. (RCP) 21 ta' Ottubru, 1999) fejn inghad f'cirkostanzi simili fejn giet iffirmata skrittura ghan-nom ta' socjeta' meta l-istess socjeta' kienet ghada mhux iffurmata li:-

*"Illi fuq kollox din il-konkluzjoni hija applikazzjoni tal-principji esposti mill-ligi u mill-Qrati taghna illi "hija regola fundamentali tal-ligi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u li jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha tali obbligazzjoni". **("Joseph Francis Depares nomine vs John O'Dea nomine"** - Appell 25 ta' Gunju 1996). Illi jidher car li s-socjeta` konvenuta riedet tapprofitta ruhha minn zball fl-isem li sar fl-istess kuntratt, li kkontribwixxa ghalih b'mod lampanti l-istess …………., rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, u dan nonostante l-fatt, li l-istess*

*konvenut kien jaf, ……………… illi jidher car li fil-komportament taghhom f'din il-kawza, is-socjeta` konvenuta lanqas imxiet in bona fede, u dan qed jinghad ghaliex fl-istess sentenza appena citata ntqal illi "Il-bona fede li tirregola l-ezekuzzjoni tal-kuntratti ordinarji hija wkoll mistennija li tippersisti wkoll f' relazzjonijiet li l-kontendenti jkollhom bejniethom waqt l-andament tal-kawza", aktar u aktar quddiem l-istess Qorti".*

*"Illi fuq din il-bazi tal-bona fede, huma mibnija l-artikoli 1002 et sequitur tal-Kap 16 dwar l-Interpretazzjoni tal-Kuntratti, u partikolarment l-artikolu 1003 tal-istess, fejn jinghad illi "Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher car mill-pattijiet mehudin kollha flimkien, ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet" ("**Stanislao Cassar vs Chev. Antonio Cassar"** - A.C. 15 ta' Dicembru 1995)".*

Illi apparti dak li gia` inghad fuq ir-rikonoxximent li sar mis-socjeta` konvenuta *ut sic* bl-ittra indikata tad-9 ta' Dicembru 1997, certament li l-partijiet fil-kawza ma riedux li l-ftehim ta' Jannar 1994 ma jkollux effett ghaliex sar ma' socjeta` inezistenti, u certament li l-ebda wiehed mill-partijiet ma agixxa qisu dak il-ftehim qatt ma ezista, anzi saru diversi nkontri ohra sabiex l-istess kuntratt jigi esegwit min-naha tas-socjeta' konvenuta u l-kjamat fil-kawza kif jidher mill-affidavits ta' Francis Fenech u Gerald Fenech tad-9 ta' Awissu 2001 a fol. 63 sa 66 tal-process.

Illi m’ hemmx dubju li “*li l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jaghmlu sens (jekk jista’ jkun buon sens) u l-kuntratti ghandhom ikunu nterptretati in bona fede*” (**“Carmelo Mifsud vs Joseph Spiteri et” -** W.G. P.A. 30 ta’ April 1987). Illi a bazi tal-premess, certament li dan kien zball manifest fl-ahjar ipotesi, u l-partijiet kellhom l-intenzjoni li tali ftehim isir mal-korp u wara mas-socjeta` li kienet gia` qed taghmel l-istess xoghol, kif l-istess *letterheads* juru,

Illi minn naha l-ohra fl-aghar ipotesi seta’ kien hemm ***mala fede*** minn min kellu interess li tali zball jibqa’ jippersisti sabiex jaghmel kapital minnu, u anke f’dan il-kuntest huwa sintomatiku dak li sostniet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **“Edward Enriquez et vs Avukat Dr. Anthony Farrugia *senior et nomine*”** (P.A. (GCD) 12 ta’ Ottubru 1995):-

“*Il-Qorti tifhem li fejn jirrizulta agir skorrett li juri ‘mala fides’ ma ghandhiex thalli lil min jahti ghal dan l-agir jiehu vantagg mill-‘mala fides’ tieghu. Il-ligi taghna hija mibnija fuq il-‘bona fides’. L-ebda negozju giuridiku ma ghandu mmunita` mill-principju ‘fraus omnia corrumpit’. Jekk biex ikun newtralizzat l-effett tal-‘mala fides’ huwa mehtieg li l-Qorti tipprexindi mill-personalita` separata ta’ persuna morali, il-Qorti hija lesta li tiehu dan il-pass*”.

Illi din il-Qorti hija tal-istess fehma, anke f’dan il-kaz ghaliex hija konvinta, apparti dak li nghad, li r-relazzjoni kienet bejn

l-partijiet, u ma ghandha ebda dubju li Simon Attard kien qed jagixxi sew proprju, kif jidher mill-iskrittura esebita bhala Dok. "B", u kemm ghan-nom tas-socjeta' attrici fl-iskrittura privata datata 12 ta' Jannar 1994, li wara rratifikat l-istess skrittura, kemm permezz tal-istima, u kemm b'effett tar-registrazzjoni taghha ndikata.

Illi f'dan il-kuntest wiehed jirreferi wkoll ghas-sentenza **"Dr. Jose' Herrera nomine vs Tancred Tabone et nomine"** (A.K. 22 ta' Jannar 1992) fejn il-Qorti rriteniet illi ghalkemm meta gie redatt il-ftehim is-socjeta` konvenuta ma kenitx tezisti, xorta kellha tosserva l-obbligazzjonijiet ta' dak il-ftehim, *nonostante* l-ezistenza ta' socjeta` ohra, a bazi tal-principju "*Qui per alium facit ipse fecisse videtur*". Kompliet illi "*Skond l-artikolu 993 tal-Kodici Civili l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fidi u jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom, izda dak li l-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha bl-ekwita` bl-uzu jew bil-ligi". (*"**Joseph Falzon vs Calcedonio Cuschieri**" - A.C. 23 ta' Ottubru 1936 - XXIX.i.1408).

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenza **"Malta Development Limited vs Zet Limited"** (A.C. (JSP) 5 ta' Ottubru 2001) fejn il-Qorti kkonkludiet li fl-aghar ipotesi ladarba l-ftehim jirrizulta li kien jezisti u gie redatt fi skrittura, li bhal dan il-kaz ma hijiex mehtiega *'ad validitatem'* li *"fil-kaz allura illi skrittura kienet b'xi mod inficjata minhabba zball fl-isem tas-socjeta' jew minhabba li l-istess*

*socjeta' ma kenitx regolarment registrata u allura inezistenti, il-konsegwenza tkun mhux li l-ftehim ma jkunx isehh jekk jirrizultaw l-elementi tal-kuntratt, imma li l-kuntratt kellu jitqies li sar bil-fomm skond kif intendew il-kontraenti"*.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ghandha tigi michuda, u l-istess jinghad ghat-tieni eccezzjoni *stante* li jidher li l-istess xoghol effettivament ma sarx la mill-istess socjeta' konvenuta u lanqas mill-kjamat fil-kawza, tant li l-istess konvenuti u kjamata in kawza ma gabu l-ebda prova f'dan is-sens.

Illi dwar l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza jidher li t-tieni eccezzjoni hija nsostenibbli, peress li ma hemm l-ebda dubju li l-kjamat fil-kawza ffirma l-ftehim ghall-ordni tax-xoghol minghand is-socjeta' attrici tat-18 ta' Jannar 1994 (Dok. "B") u wkoll accetta x-xoghol fornit lilu konsgwenti ghall-istess ftehim kif jirrizulta mil-firma tieghu fuq id-*delivery notes* esebiti, u kif jidher li mid-dokumenti l-ohra esebiti, anke mill-istima mahruga ghax-xoghol li s-socjeta' konvenuta kellha taghmel, u wkoll iffirma l-iskrittura premessa tat-12 ta' Jannar 1994, meta kien jaf li s-socjeta' konvenuta kienet ghada mhux registrata; ma jistax l-istess kjamat fil-kawza jilghab b'dan il-mod bl-isem ta' kumpanija, kif jidher li qed jaghmel f'din il-kawza, sabiex jevita l-obbligazzjonijiet tieghu, u dan l-atteggjament ta' *mala fede* din il-Qorti ma hijiex ser tippermettih, fid-dawl ta' dak kollu

fuq premess, u fl-obbligu taghha li taghmel gustizzja abbazi tal-ligijiet vigenti.

Illi fl-ahharnett wiehed jirreferi ghat-tielet eccezzjoni tal-istess kjamat fil-kawza fejn huwa stess jammetti hemm li kien hemm tali ftehim ukoll mieghu, (u dan *nonostante* l-fatt li huwa kien iffirma ghan-nom tas-socjeta' konvenuta) u ghalhekk hawn jidher car il-loghba li qed jilghab l-istess kjamat fil-kawza b'detriment ghas-socjeta' attrici, li huwa fuq kollox jammetti li kkonsenjat l-istess xoghol lilu, li tieghu qed tippretendi li ghandha tithallas ukoll minnu.

Illi l-eccezzjoni l-ohra li huwa mar biex jaghmel ix-xoghol, u dan ma sarx ghar-ragunijiet mhux lilu attribwibbli, ma giet bl-ebda mod sostanzjata minnu tant li huwa stess, u lanqas hadd mis-socjeta' konvenuta ma gie jixhed, *nonostante* t-tentattivi tad-difensur tieghu, u ghalhekk l-istess kjamat fil-kawza ma pprova bl-ebda mod l-allegazzjonijiet tieghu, kif kellu l-obbligu li jaghmel skond il-principju stabbilit li min jallega jrid jipprova u ghalhekk anke din l-eccezzjoni ma tistax tigi accettatta; dan apparti li x-xhieda skjetta prodotta mis-socjeta' attrici tikkontradixxi din l-allegazzjoni tieghu minn kull lat, u jidher li ghalhekk li s-socjeta' attrici ppruvat l-allegazzjonijiet taghha.

Illi kwantu ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-**artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili,** jidher li l-istess kjamat fil-kawza rrikonoxxa debitu tieghu kemm fl-istima tad-9 ta'

Dicembru 1997, fejn ghall-valur tax-xoghol li huwa kellu jaghmel a sodisfazzjoni tas-socjeta' attrici, huwa ha in konsiderazzjoni l-ammont dovut lill-istess socjeta' attrici ghax-xoghol lilu kkonsenjat, u dan kemm fid-*discount* hemm indikat, u fl-ammont ta' Lm1,250 imsemmi fl-ahhar tal-istess Dok. "F" esebit; dan apparti l-fatt li x-xoghol minnu u mis-socjeta' konvenuta kellu jsir skond in-notamenti fl-istess dokument sal-ahhar ta' Marzu 1999, u fl-ahhar ta' April 1998, u ghalhekk certament li minhabba tali rikonoxximent tad-debitu minnu dovut lis-socjeta' attrici, jidher li t-terminu gie interrott, u fi kwalunkwe kaz jirrizulta li ladarba x-xoghol kellu jsir sal-ahhar ta' Marzu 1999, il-preskrizzjoni eccepita ma tirrizultax tenut kont tal-fatt li l-kawza giet istiwita fis-27 ta' Mejju 1998 u l-kjamat fil-kawza gie notifikat fis-26 ta' Ottubru 2000.

Illi din il-Qorti tinnota li apparti li l-istess kjamat fil-kawza ma aderiex ruhu mad-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 2160 (1) tal-Kap 16,** tali eccezzjoni ta' preskrizzjoni lanqas tista' tigi accettata *stante* li min-nota tal-eccezzjonijiet tieghu stess jidher t-tielet eccezzjoni tieghu hija ghal kollox inkompatibbli mal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, *stante* li qed jaccetta li huwa rcieva l-istess xoghol, li qatt ma gie mhallas minnu u lanqas ghamel ix-xoghol bi tpartit kif pattwit, ghalkemm qed jghid li dan ma huwiex attribbli lilu, haga li ma ppruvax kif indikat f'din is-sentenza.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fil-konfront tas-socjeta' konvenuta u l-kjamat fil-kawza, *stante* li jidhru li l-istess kienu inadempjenti fl-obbligazzjonijiet minnhom assunti fil-ftehim precitat mas-socjeta' attrici li jwasslu ghax-xoljiment tal-istess ftehim ta' tpartit, u jaghtu d-dritt lis-socjeta' attrici tithallas tax-xoghol fornit minnha, u ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta u tal-kjamat fil-kawza qed jigu rigettati.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta u tal-kjamat fil-kawza, **tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-istess socjeta' konvenuta u kjamat fil-kawza u dan flimkien u solidalment bejniethom,** b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta u l-kjamat fil-kawza naqsu mill-obbligi taghhom naxxenti mill-kuntratt ta' tpartit tat-12 ta' Jannar 1994 fejn huma kellhom obbligu li jfornu u jinstallaw lis-socjeta' attrici soffitt ghall-valur hemm indikat;

2. Tiddikjara l-kuntratt ta' tpartit sucitat xjolt, ghar-ragunijiet suesposti;

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta u lill-kjamat fil-kawza flimkien u solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u mitejn u hamsin lira Maltin (Lm1,250) in saldu ta' xoghol ta' rham u granit maghmul fuq rikjesta taghhom stess;

4. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta u lill-kjamat fil-kawza flimkien u solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici l-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%), *ai termini* ta' l-**artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili**, dekorribbli mid-data tad-dovuta adempjenza u cjoe' mill-31 ta' Marzu 1999 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta' konvenuta u kjamat fil-kawza.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**27 ta' Gunju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2002**